MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2008

Rikors Numru. 1007/2007/1

**Francesco Xuereb**

**vs**

**Victor Fenech**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Victor Fenech fejn dan qal.

Bil-Mandat fuq imsemmi, inqabbdulu z-zewg ingenji Toyota Platz (VIL 749) u Pick-Up (CBA 538);

Dawn l-ingenji jintuzaw ghax-xoghol ta` l-intimat partikolarment il-Pick-Up in kwistjoni li qeghda fil-pussess tal-konsenjatarju Antoine Fenech;

Hu ghandu bzonn dan il-Pick-Up ghax-xoghol ta` kuljum tieghu biex jaqla` l-ghixien tieghu;

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tawtorizzah juza l-istess vetturi ghax-xoghol tieghu biex ikun jista` jaqla` l-ghixien tieghu u ghalhekk tordna lil konsenjatarju Antoine Fenech ihalli lil Victor Fenech juza l-istess ingenji.

Rat ir-risposta ta' Francesco Xuereb li qal illi;

Hemm pendenti kawza intavolata mill-esponent kontra l-istess Victor Fenech tax-xoghol hazin li ghamel fil-fond tal-esponent, liema agir ikkawza w qed jikkawza danni u inkonvenjenza kbira lill-esponent.

Qabel ma giet presentata l-kawza, l-esponent ghamel minn kollox biex jipprova jasal ghal ftehim bonarju minghajr l-icken success. Illi di piu` l-istess intimat Victor Fenech kien ghamel minn kollox biex **jipprova jevita** li jigi notifikat tant li anki hawn, l-esponent kellu jbati minhabba dan l-agir.

Is-suespost qed jigi indikat peress li l-esponent kien ippresenta kontestwalment mal-Mandat ta` Qbid, Mandat ta` Sekwestru wkoll fejn gie innutat li l-istess Victor Fenech **ma tantx habbel rasu** hawn, ghax jidher evidenti li haseb ghal din il-kontingenza billi aktarx zbanka d-depozitu tieghu w/jew forsi iddepozithom f`isem haddiehor. Illi f`dawn il-manuvri w attegjament qed jghin konsiderevolment il-konsenjatarju li hu indikat fir-rikors u cioe` Antoine Fenech u li jigi ibnu.

Dawn il-mandati huma hemm biex iservi biex **jikkawtelaw il-pozizzjoni ta` min qed iservi pregudizzju** bhal kaz odjern. Illi l-istess Victor Fenech ma offra xejn bhala forma ta` garanzija konkreta, l-anqas fir-rikors promotorju, liema haga tirrifletti l-attegjament tieghu w li tiggustifika l-fatt li l-esponent ghandu d-dritt li jipprotegi l-pozizzjoni tieghu akkost ta` kollox. Illi n-nuqqas ta` kredibilita` tieghu jasal fil-fatt li biex ma jitlifx il-pussess tal-vetturi, qabbad it-

tifel tieghu stess li qed jghinu konsiderevolment f`dawn il-proceduri.

Kieku t-talba tar-rikorrent kellha tigi milqugha, il-valur tal-oggetti jkompli jonqos u/jew isiru iktar hsara fuqhom ad detriment ta` l-esponent fejn jispicca li jitlef il-possibilita` li, jekk jirbah il-kawza, jigbor flusu. Illi qed jigi dikjarat li d-danni tant huma konsiderevoli w li qed jikbru kontinwament li probabilment anki dawn il-vetturi ma jkunux bizzejjed li jaghmlu tajjeb ghad-danni li qed isofri l-esponent.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li hi farsa li fil-present bin r-rikorrent qed izomm il-vetturi bhala *konsenjatarju*, l-esponent qieghed fil-process biex isib konsenjatarju biex izomm il-vetturi fil-fatt, kif tippermetti l-ligi. Illi dan qed jinghad stante li l-esponent ma jemminx li r-rikorrent m`hux qed jaghmel uzu fir-realta` mill-vetturi.

L-esponent gie imqieghed f`din il-pozizzjoni grazzi ghall-agir tar-rikorrent li minflok ma wera sens ta` responsabbilita` w assuma l-obbligi tieghu qed jara kif jaghmel biex taht skuza jew ohra jipprova jisgicca a pregudizzju tal-esponent. L-esponent qed jutilizza l-mandat biex jipprotegi l-pozizzjoni tieghu, liema haga dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tikkonsidera favorevolment.

**Ghaldaqstant,** in vista tas-suespost, u in vista tal-fatt li l-esponent hu f`stadju avvanzat biex iqabbad konsenjatarju tal-vetturi in kwistjoni, t-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda, bl-ispejjes.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat li in vista tan-natura tax-xoghol li jaghmel ir-rikorrenti dan tassew jehtieg vettura sabiex jahdem.

Ghaldaqstant, il-Qorti tawtorizza lir-rikorrenti Victor Fenech sabiex juza biss il-vettura CBA 538. Il-mandat ghar-rigward tal-vettura Toyota VIL 799 jibqa` mhux mittiefes.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez ta` din id-decizjoni jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------